## PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
## (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-21 TA' NOVEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 3K**

**Rik. Kost. 328/2021 RGM**

**Mario Zahra**

**vs.**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors tal-14 ta' Mejju 2021 ir-rikorrent fisser li sa mis-sena 1975 huwa kien sid ta' nofs art li fuqha ġie mibni l-fond 110, Fl 1, Zahra Flats, Correa Street Ħal Qormi. Fl-1 ta' Frar 2018 saret diviżjoni biex b'hekk ir-rikorrent ġie assenjat dan l-imsemmi fond u sar għalhekk sid uniku tal-istess proprjetà. Dan il-fond kien jinkera lill-membri tal-familja Valletta li kienu jżommu l-fond b'kirja protetta taħt il-Kapitolu 69 bl-operat tal-Att X tal-2009 u l-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16. Ippremetta li din il-kirja baqgħet tiġi imġedda skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 u dan bi preġudizzju għad-drittijiet tal-propjetarju stante li l-kirja mħallsa fis-sena, kif ristretta bil-liġi, ma kinitx tirrifletti l-valur reali tal-proprjetà fis-suq. Ippremetta li dan il-preġudizzju baqa' għaddej sakemm miet l-aħħar membru tal-familja Valletta u biex b'hekk ħa l-pussess tal-proprjetà. Ippremetta

li dan wassal għal leżjoni tad-drittijiet tal-proprjetà, għaldaqstant talab lil din il-Qorti sabiex,

1. "Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq spjegati, u għal dawk li se jirriżultaw fil-provi, illi l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, l-emendi tal-Att X tal-2009, u senjatament l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16, jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Protokol nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u kif ukoll fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tiddikjara konsegwentement illi, il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, l-emendi tal-Att X tal-2009, u senjatament l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 huma nulli u bla effett, erga omnes, jew inkella fil-konfront tal-kirja ta' bejn il-partijiet.

3. Tagħti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa;

4. Tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba t-telf ta' kontroll, użu u t-tgawdija tal-proprjetà de quo, u l-kumpens dovut lilu, u tillikwida l-kumpens/d-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti, u tordna lill-Avukat tal-Istat iħallas dik is-somma hekk likwidata;

5. Tagħti kull rimedju u/jew provvediment ieħor meħtieġ.

Bl-imgħax legali fejn applikabbli, bl-ispejjeż kontra l-intimati."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fil-11 ta' Ġunju 2021 fejn in linea preliminari eċċepixxa li r-rikorrent jeħtieġlu jġib prova li (a) tal-ftehim tal-kirja tal-fond mertu tal-kawża, (b) data preċiża ta' meta ġiet konċessa l-kirja u (ċ) prova li l-kirja kienet imħarsa bil-Kapitolu 69. Eċċepixxa wkoll li r-rikorrent ma jistax jilmenta dwar perjodu qabel ma huwa kellu titolu fuq il-proprjetà apparti li bejn it-30 t'Ottubru 1975 u l-1 ta' Frar 2018 ir-rikorrent kien biss komproprjetarju tal-fond in kwistjoni u għalhekk sat-18 ta' Marzu 2012 (id-data tal-mewt tal-aħħar inkwilin), jekk il-Qorti ssib ksur, kwalunkwe kumpens għandu jkun jirrifletti biss is-sehem indiviż li r-rikorrent kellu f'dak il-perjodu. L-Avukat tal-Istat fisser li l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali jista' jiġi kkunsidrat sad-data ta meta l-allegat leżjoni intemm u ċioe sat-18 ta' Marzu 2012. Fil-mertu eċċepixxa li l-Artikolu 37, ma jistax jiġi invokat fil-kuntest ta' allegat leżjoni abbażi tal-Kapitolu 69 in vista ta' dak dispost fl-

Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni, apparti li huwa improponibbli għaliex l-Artikolu 37 japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà. Fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ingħad li l-Istat għandu s-setgħa li jikkontrolla l-proprjetà skont iċ-ċirkostanzi u bżonnijiet soċio-ekonomiċi sabiex jiġi assigurat l-attwazzjoni ta' żvilupp soċjali u ekonomiku fl-interess kollettiv. Dwar l-isproporzjoni fil-kera, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-ammont tal-kera li kien jipperċepixxi ma kinitx kera sproporzjonata stante li l-paragun ma jistax isir mal-valur lokatizzju tal-proprjetà fis-suq ħieles. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa wkoll li r-rikorrent kien diġà konsapevoli tar-reġim legali li jirregola l-kirjiert meta huwa kera l-fond lill-inkwilini passati. Fir-rigward tat-tieni talba, l-Avukat tal-Istat insistia li d-deċiżjoni ta' din il-Qorti tikkostitwixxi stat biss *inter partes* apparti li l-kirja intemmet fl-2012 u għalhekk m'hemmx lok għal dikjarazzjoni kif dedotta fl-imsemmi talba. Dwar l-imgħax ingħad li dan jibda jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun likwidat. Ikkonkludi li jekk jinstab ksur, id-dikjarazzjoni għandha tkun limitata għal kif kienu d-dispożizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi sas-sena 2012.

3. Rat li ġie nominat il-Perit Mario Axisa sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond mertu tal-kawża għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1974 sa Marzu 2012 u dan f'intervalli ta' ħames snin.

4. Rat ir-rapport tal-Perit Mario Axisa ppreżentat fis-26 t'April 2022 u maħluf fit-23 ta' Ġunju 2022.[1]

5. Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni tal-Avukat tal-Istat ippreżentati fit-22 ta' Ġunju 2022[2] kif ukoll ir-risposti tal-Perit Axisa ppreżentati fit-3 ta' Frar 2023[3];

6. Rat l-atti kollha tal-kawża.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2023[4] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-2 t'Awwissu 2023[5].

8. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

---

[1] Fol 45 et seq tal-proċess.
[2] Fol 41 et seq tal-proċess.
[3] Fol 92 et seq tal-proċess.
[4] Fol 96 et seq tal-proċess
[5] Fol 101 et seq tal-proċess.

Ikkunsidrat;

**Eċċezzjonijiet preliminari**

9. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikorrent għandu jġib prova tad-data preċiża meta ġiet konċessa l-kirja u li l-kirja kienet imħarsa bil-Kapitolu 69.

10. Għal din l-eċċezzjoni r-rikorrent ippreżenta fotokopja minn ktejjeb miżmum minnu tal-ħlasijiet li saru minn ċertu Tony Valletta għal kera ta' Razzett fejn San Bastjan.[6] Dan juri li l-kirja bdiet titħallas lir-rikorrent mill-11 t'April 1975. Għal Qorti din hija prova ċara tad-data minn meta bdiet il-kirja bejn Valletta u r-rikorrent. Dan juri wkoll li l-kirja bdiet qabel l-1995 u għalhekk kienet kirja mħarsa bil-Kapitolu 69.

11. Il-konsiderazzjonijiet ġustament magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Joseph Farrugia et vs. l-Avukat tal-Istat et** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2023 m'humiex applikabbli għal każ odjern u dan stante li f'dik il-kawża intwera mill-aktar mod ċar mill-provi mressqa u kwotati fl-istess sentenza li l-kirja kienet bdiet wara s-sena 1995. Fil-każ odjern is-sitwazzjoni hija differenti u dan għaliex apparti li tressqet kopja tal-ktejjeb tal-kera miżmum mir-rikorrent kif ġia osservat, l-istess ma ġiex ikkontestat mill-Avukat tal-Istat u lanqas għamel kontro-eżami lir-rikorrent imqar dwar dan id-dokument ippreżentat minnu.

12. Għal dan il-għan, l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat qiegħda tiġi miċħuda.

**Mertu**

13. Ir-rikorrent ippremetta li fiż-żmien rilevanti huwa kien marbut li jkompli jġedded il-kirja u dan a tenur tal-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 69** li jipprovdi illi:

> "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

---

6 Fol 86 tal-proċess.

14. Fiż-żmien rilevanti, skont Kapitolu 69, il-Bord seta' jagħti permess ta' ripreża f'każijiet speċifiċi u limitati biss. Il-kera li setgħet tiġi stabbilita kienet marbuta skont il-*fair rent* a tenur tal-**Artikolu 4 (2)** tal-Kapitolu 69. Qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 promulgati bl-**Att XXIV tal-2021**, dan l-artikolu kien jipprovdi li:

"jekk il-kera ġdid ma jkunx iżjed minn 40% mill-kera ġust (stabbilit, meta meħtieġ, bi stima) li bih il-fond kien mikri jew seta` jinkera f`kull żmien qabel l-4 ta` Awissu tal-1914: il-Bord jista` jistabbilixxi dan il-kera ġust."

15. Permezz tal-**Att X tal-2009**, daħlu fis-seħħ emendi għal-liġi tal-kera fosthom l-**Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16** li jipprovdi:

"(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:

Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.

(2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

16. Ir-rikorrent jinsisti li b'dawn l-artikoli ma setax jawmenta l-kera għar-rata li tirrifletti dak li l-fond kien iġib fis-suq liberu bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu sanċit taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Ikkunsidrat

**Allegat leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

17. Ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti issib fost oħrajn leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

18. L-Avukat tal-Istat laqa' għat-talbiet attriċi msejsa fuq l-Artikolu 37 billi eċċepixxa illi l-imsemmi artikolu mhux applikabbli għall-fattispeci tal-każ odjern in kwantu l-Kapitolu 69 hija liġi promulgata qabel l-1962 u allura hija mħarsa bl-**Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni.**

19. Din l-eċċezzjoni hi fondata għaliex Kapitolu 69 huwa mħares bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni.

20. L-**Artikolu 47 (9)** tal-Kostituzzjoni jipprovdi s-segwenti:

> "Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma –
> (a) iżżidx max-xorta ta' proprjetà li jista' jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;
> (b) iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;
> (ċ) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew
> (d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (ċ) tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni."

21. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Anthony Muscat pro et noe vs. Elizabeth Farrugia et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn ikkunsidrat li għalkemm id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi Ċivili u tal-Kapitolu 69 kienu mdaħħla, emendati jew sostitwiti b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962, dawn il-liġijiet ma għandhomx l-effetti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk il-każ tal-lum ma jintlaqatx bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

22. Il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza ikkwotat minn sentenza oħra tagħha, **Charles Bonello vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** tat-23 ta' Novembru 2020, fejn kienet osservat li:

> "i. L-Art. 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà` li kull xorta li tkun" ma jista' jittieħed jekk mhux inter alia bi

ħlas ta' kumpens xieraq. Id-dritt ta' sid li jkollu l-pussess materjali u mhux biss pussess legali huwa interess fuq proprjetà`. B'hekk hu imħares taħt l-art. 37 minkejja li s-sid ma ġiex imċaħħad minn kull interess fil-proprjetà`.

ii. "Il-Kap. 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962 li pero` ma għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-Art. 47(9).

iii. "L-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li, "Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu).....". It-tiġdid tal-kirja seħħ bis-saħħa ta' liġi li kienet fis-seħħ qabel l-1962, ċioe` L-Ordinanza Li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini li daħlet fis-seħħ bl-Ordinanza XXI tal-1931. Għalhekk hu mħares mill-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant mhuwiex milqut minn Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

iv. "Għalkemm hu minnu li l-Kap. 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962, pero` ma kellhomx l-effetti li jissemmew fil-paragrafi (a) sa (d) tal-art. 47(9) tal-Kostituzzjoni".[7]

23. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tqis illi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 huma mħarsa bl-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi invokat mill-atturi.

24. **Għalhekk it-talbiet attur in kwantu msejsa fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni qed jiġu miċħuda.**

**Allegat leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

25. Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-

[7] Ara wkoll **Galea et vs. Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Ġunju 2020; **Alexander Caruana et vs. Doris Zarb et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 t'April 2021; **Louis Apap Bologna et vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 t'Ottubru 2021.

kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni"

26. L-interpretazzjoni prevalenti għal din id-dispożizzjoni li llum tagħmel parti mil-liġi Maltija hi illi qiegħda tipproteġi lill-persuna fit-tgawdija ħielsa ta' ħwejjiġha li jinkludu l-possedimenti tagħha.

27. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

28. Sabiex l-aġir tal-Istat bħalma hu l-promulgazzjoni ta' liġi li tagħti protezzjoni lill-inkwilin, ma jikwalifikax bħala leżiv tal-jedd konvenzjonali tal-individwu jeħtieġ li jkun inżamm bilanċ bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat.

29. Huwa meqjus illi liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid ta' individwu għal għanijiet fl-interess ġenerali huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika. Però tali setgħa ma hiex bla limitazzjoni jew bla xkiel. Ir-regola ġenerali tibqa' li l-individwu għandu l-jedd fundamentali li jgawdi l-ġid tiegħu mingħajr xkiel u għalhekk meta l-Istat jirfes fuq dak id-dritt jeħtieġ li juri illi tali ndħil seħħ f'qafas legali fejn id-drittijiet tal-individwu ġew rispettati. Dan l-obbligu fuq l-Istat jisssussisti sew meta l-liġi tippermetti lill-Istat li jieħu bil-forza l-ġid ta' individwu f'idejh, sew meta l-liġi tkun maħsuba sabiex tirregola l-użu ta' dak il-ġid.

30. Għalkemm taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni s-setgħa tal-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid hija wiesgħa, huwa dejjem meħtieġ mhux biss li jintwera l-interess ġenerali iżda wkoll li jinżamm bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak tal-individwu milqut bl-aġir tal-Istat. Hawn jidħol l-

element tal-proporzjonalità fejn l-indħil għandu jiġi kontro bilanċjat minn kumpens xieraq. Jekk l-Istat jieħu bil-forza proprjetà għandu jħallas kumpens ġust tal-valur tagħha. Jekk l-Istat ma jieħux proprjetà bil-forza iżda jieħu minn idejn is-sid l-użu ta' dik il-proprjetà, għandu jkun hemm mekkaniżmu legali kif is-sid jiġi kumpensat minħabba tali restrizzjoni fit-tgawdija tal-possediment tiegħu. Jekk m'hemmx tali mekkaniżmu ifisser li l-Istat huwa responsabbli ta' leżjoni tad-dritt tas-sid kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

31. Kapitolu 69 kien jagħmilha prattikament impossibbli li s-sid jieħu lura l-fond mikri jekk mhux għal raġunijiet eċċezzjonali, filwaqt li l-kera baqgħet staġnata. Bl-Att X tal-2009 il-Leġislatur introduċa emendi għall-Kapitolu 16 suppost bl-iskop li jiġi indirizzat l-iżbilanċ li kien hemm kontra s-sidien f'dawn iċ-ċirkostanzi. Dak l-Att introduċa **Artikolu 1531Ċ għall-Kapitolu 16** li kien jaqra kif ġej:

> "(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:
>
> Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.
>
> (2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

32. Il-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza **Patricia Curmi et vs. Miriam Pace et** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2020 irriteniet illi l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 b'mod partikolari bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1531Ċ fil-Kodiċi Ċivili ġabu awment fil-kera li ma jistax jiġi kkunsidrat illi indirizza l-iżbilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-interessi tal-inkwilin u s-soċjetà in ġenerali.

33. Ingħad fl-imsemmija deċiżjoni li "*Il-kera irriżorja li għaliha huma intitolati s-sidien tilledi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni*". Intqal ukoll

f'sentenza aktar riċenti li "*illum hu stabbilit li l-awment tal-kera li jipprovdi l-Att X tal-2009 hu inadegwat u ma wassalx sabiex sidien il-kera jirċievu kera diċenti.*"[8]

34. Għalhekk il-Qorti tqis, a contrario ta' dak eċċepiet mill-intimat Avukat tal-Istat, li l-emendi bl-Att X tas-sena 2009 għall-Kapitolu 16 ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw l-element ta' proporzjonalità ladarba l-awment kien qiegħed jiġi kkalkolat fuq kera li hija ħafna inqas minn dik tas-suq, minħabba r-restrizzjoni kif kienu kontemplati fl-Artikolu 4 (b) tal-Kapitolu 69 qabel l-emendi bl-Att XXIV tal-2021.

35. Ir-rikorrent ippremetta fl-affiavit tiegħu li huwa kien jirċievi Lm 35 fis-sena, għalkemm mir-rendikont ippreżentat mal-istess affidavit juri li sas-sena 2003, l-inkwilin kien iħallas Lm30 fis-sena. Filwaqt li l-Perit nominat mill-Qorti stima l-valur lokatizzju fis-somma ta' €3,780 fis-sena 2012.

36. **Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti hi tal-fehma illi Kapitolu 69 kif ukoll l-emendi bl-Att X tal-2009 għall-Kapitolu 16 ħolqu indħil sproporzjonat fuq id-drittijet tar-rikorrent peress illi hemm differenza kbira bejn il-kera perċepita jew perċepibbli skond il-liġi fiż-żmien rilevanti u l-potenzjal tal-kera li l-fond seta' jiġġenera lir-rikorrent, bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu kif sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. B'dan illi tqis li seħħet leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu.**

Ikkunsidrat;

**Il-Perijodu tal-Leżjoni Relevanti għal-Likwidazzjoni tad-Danni.**

37. In vista tal-fatt li r-rikorrent sofra piż sproporzjonat meta ġie mċaħħad mit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu kawża tal-applikazzjoni tal-provedimenti tal-Kapitolu 69 kif applikabbli fiż-żmien rilevanti mingħajr kumpens ġust, huwa għanda jingħata rimedju xieraq konsistenti f'kumpens.

38. L-Avukat tal-Istat huwa korrett meta jgħid li l-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-kera li seta' jdaħħal ir-rikorrent qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 319 u ċioe qabel is-sena 1987 u dan anke in linea mal-ġurisprudenza riċenti. Fost dawn insibu s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet

[8] **Carmel sive Charles Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** (Rik Kost 161/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021.

**Josephine Mifsud Saydon vs. L-Avukat tal-Istat et** deċiża fit-30 ta' Marzu 2022 fejn ġie ritenut:

> "Il-Qorti tqis li huwa korrett l-argument tal-Avukat tal-Istat li l-ewwel Qorti kellha tikkalkula l-kumpens dovut lir-rikorrenti b'effett mit-30 ta' April 1987 u mhux mis-sena 1975. L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "[e]bda ksur...tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987...ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-Artikolu 4." Għalhekk l-Avukat tal-Istat għandu raġun li l-perjodu relevanti għall-finijiet ta' din il-kawża beda b'effett mit-30 ta' April 1987 u mhux mill-1975 kif ikkonsidrat l-ewwel Qorti."[9]

39. Fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata li din il-Qorti taqbel magħha, tiddikjara illi għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji ser tieħu in konsiderazzjoni l-perijodu li jibda mill-1 ta' Mejju 1987, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 319.

40. Dan il-perjodu jibqa' għaddej sat-28 ta' Frar 2012 u ċioe sa meta jidher li miet l-aħħar membru tal-familja Valletta. Din id-data ittieħdet miċ-ċertifikat tal-mewt ta' John Valletta ippreżentat mir-rikorrent mal-affidavit tiegħu.[10] Mal-affidavit tiegħu r-rikorrent ippreżenta għad ta' kontijiet tad-dawl u ilma li huma fuq isem Paul Valletta, però l-Qorti tinnota li dawn il-kontijiet kollha juru 'żero' (0) bħala n-numru ta' residenti fil-fond mertu tal-kawża. In oltre il-Qorti tinnota wkoll li fir-rikors promotur ġie premess li l-aħħar membru tal-familja Valletta miet fis-sena 2012 u għalhekk il-Qorti sejra tqis id-data tal-mewt ta' John Valletta, bħala l-aħħar data li baqa' jseħħ il-leżjoni ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll.

41. Dwar il-*quantum* tad-danni pekunjarji, kif inżamm mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Professur Ian Refalo nomine vs. Nicholas Ciantar et** mogħtija fl-4 ta' Mejju 2022:

> "Il-Qorti tirrileva li llum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi

[9] Ara wkoll **Carmelina Bugeja vs. Nazzareno Spiteri et** (Rik Kost 91/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Marzu 2022 u **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** (Rik Kost 292/2020) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2020.

[10] Fol 87 tal-proċess.

likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-attur kien jirnexxilu jżomm il-proprjetà` mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-attur, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi."

42. Għaldaqstant skont il-linji gwida tal-QEDB sabiex jiġi ffissat kumpens pekunjarju ġust għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tas-sid, l-istima tal-kera tal-fond fis-suq miftuħ għandha titnaqqas:

a. Bi tletin fil-mija (30%) għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali;
b. B'għoxrin fil-mija (20%) ġialadarba ma teżisti l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu rilevanti kollu, u
c. bil-valur tal-kera mħallsa mill-inkwilin jew fin-nuqqas bil-kera perċepibbli skond il-liġi.

43. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tieħu kont tal-valur lokatizju ta' matul is-snin kif irrelata l-Perit Tekniku sabiex tiddetermina l-kumpens pekunjarji xieraq dovut lir-rikorrent skont il-linji gwida tal-QEDB adottati mill-Qorti Kostituzzjonali. Għal kull buon fini l-Qorti tispjega li hija sejra tqis li ġaladarba r-rendikont ġia msemmi aktar 'l fuq wera li sas-sena 2003 ir-rikorrent irċieva s-somma ta' Lm 30 fis-sena, sa dik is-sena l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni dak l-ammont. Għas-snin bejn 2004 u l-2009 il-Qorti sejra toqgħod fuq is-somma msemmija mir-rikorrent fl-affidavit tiegħu u ċioe l-kera ta' Lm 35. Il-Qorti tqis li ai termini tal-Artikolu 1531Ċ, mis-sena 2010 il-kera kellha tiġi awmentata għal €185, u għalhekk il-Qorti ser tqis dan l-ammont bħala il-kera li kienet perċepibbli fiż-żmien rilevanti.

44. Finalment il-Qorti sejra tqis ukoll li mis-sena 1976 sas-sena 2018, ir-rikorrent u martu kienu ko-proprjetarju ta' nofs indiviż u għalhekk kellhom jedd għal nofs il-kera perċepibbli u mhux għall-kera kollha. Dan ser jiġi rifless fil-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji dovuti lir-rikorrent.

45. Fl-1 ta' Frar 2018 ir-rikorrent u martu akkwistaw mingħand Carmelo Borg u martu n-nofs indiviż l-ieħor tal-fond mertu tal-kawża.

| Sena | Stima tal-Perit annwali (€) | Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€) |
|---|---|---|
| 1987 | 600 | 69.88 |
| 1988 | 600 | 69.88 |
| 1989 | 840 | 69.88 |
| 1990 | 840 | 69.88 |
| 1991 | 840 | 69.88 |
| 1992 | 840 | 69.88 |
| 1993 | 840 | 69.88 |
| 1994 | 1,500 | 69.88 |
| 1995 | 1,500 | 69.88 |
| 1996 | 1,500 | 69.88 |
| 1997 | 1,500 | 69.88 |
| 1998 | 1,500 | 69.88 |
| 1999 | 2,040 | 69.88 |
| 2000 | 2,040 | 69.88 |
| 2001 | 2,040 | 69.88 |
| 2002 | 2,040 | 69.88 |
| 2003 | 2,040 | 69.88 |
| 2004 | 3,420 | 81.53 |
| 2005 | 3,420 | 81.53 |
| 2006 | 3,420 | 81.53 |
| 2007 | 3,420 | 81.53 |
| 2008 | 3,420 | 81.53 |
| 2009 | 3,540 | 81.53 |
| 2010 | 3,540 | 185.00 |
| 2011 | 3,540 | 185.00 |
| 2012 | 630[11] | 30.83[12] |
| **Total** | **51,450** | **2,077.97** |

46. Is-somma ta' €51,450 għandha l-ewwel tonqos bi 30% għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali, u għalhekk is-somma tinżel għal €36,015. Minn din is-somma jrid jonqos 20% peress li r-rikorrent ma ta l-ebda garanzija li l-fond

[11] €3,780 / 12 * 2 (Jannar u Frar).

[12] €185 / 12 * 2.

kien ser ikun mikri matul il-perjodu kollu in eżami u għalhekk is-somma tinżel ulterjorment għal €28,812 li minnha finalment jrid jitnaqqas il-kera perċepita jew perċepibbli skond il-liġi  għall-istess perijodu u ċioe s-somma ta' €2.077.97 fuq kalkolata.

47. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji b'mod globali huwa ta' €26,734.03. Ġaladarba r-rikorrent u martu kienu komproprjetarji ta' nofs indiviż tal-fond mis-sena 1975 sas-sena 2012 meta l-fond ġie vakat, il-Qorti sejra takkorda lir-rikorrent nofs id-danni pekunjarji likwidati, u cioe' s-somma ta' €13,367.02 li qed jiġu arrotondati għal tlettax-il elf tlett mija u sebgħin ewro (€13,370).**

48. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, il-Qorti wara li ħadt kont taċ-ċirkostanzi tal-każ qiegħda **tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000)**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat konformament ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa' in parte** l-ewwel talba, tiddikjara li bit-tħaddim fir-rigward tar-rikorrent tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri (Kapitolu 69), tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 kif ukoll bl-Att X tal-2009 safejn taw jedd lill-familja Valletta jġeddu b'mod indefinit il-kirja tal-fond 110, Fl 1, Zahra Flats, Correa Street Ħal Qormi b'kera baxxa ħafna, seħħ ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; u tiċħadha in kwantu msejsa fuq Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. **Tiċħad** it-tieni talba fejn qed jintalab dikjarazzjoni li l-liġijiet hemm ċitati huma nulli, stante li qed issib illi huwa t-tħaddim tagħhom fil-konfront tar-rikorrent li kisru fiż-żmien rilevanti l-jedd konvenzjonali tar-rikorrent;

3. **Tilqa'** r-raba' talba, tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jagħmel tajjeb għas-sejbien ta' leżjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrent u għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji konsegwenzjali;

4. **Tilqa'** t-tielet u l-ħames talba, tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' tlettax-il elf tlett mija u sebgħin ewro (€13,370) u d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000); u

5. **Tikkundanna** lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' tmintax-il elf, tlett mija u sebgħin ewro (€18,370) rappreżentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati, bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż** a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
21 ta' Novembru, 2023

**Deputat Reġistratur**